# WARA L-EWWEL XITA

*Lis-Sur NIN CREMONA, D.Lit. (Hon.),*
*Mgħallmi tal-Malti.*

*Ta'* MARJU AGIUS

Tgħaxxaqt niġġerra qalb l-egħlieqi jħammru,
Bi bdiewa bieżla bil-moħriet jaħartu:
B'oħrajn b'imgħażqa l-ħamrija jqallbu
Kulħadd ġo artu.

Tgħaxxaqt inħares lejn ir-raba' saqwi
Bi ħxejjex sbieħ u kullimkien iħaddru:
Kulħadd ferħan minbarra wħud li kollox
Iħobbu jmaqdru.

Tgħaxxaqt bil-ħoss ta' l-ilma ġieri jserrep
Taħt siġar taż-żebbuġ fil-wied ta' ħdejna
U jċarċar minn ġol-blat fl-għoljiet żgħar tagħna
B'ħarrub imżejna.

Tgħaxxaqt bl-għasafar ferħanin inaqqru;
Bil-lwien ukoll li feġġu minn qawsalla,
U b'xi raħħala qrib il-merħla tagħhom
Ifaħħru 'l Alla!